**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 351/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 32**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**vs**

**Roderik Meilaq (K.I.124486M)**

**Solair Holiday Complex,**

**Blokk C, Flat 15A,**

**Triq il-Gwiebi,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-01 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' hames mija tmienja u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€588.21c) in konnessjoni ma' servizzi moghtija lil konvenut mis-socjeta' attrici u migbura fil-kont numru 40428939.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet il-kawza fir-rigward is-sorte stante hlas fil-mori izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, isib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, 225/16 huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**